# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju 2016**

**Rikors Numru 329/14 FDP**

**Emanuel Pace**
**(ID 19956M)**

**vs**

**Y&P Marketing Limited**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fis 6 ta' Ottubru 2014 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta intimata thallsu is-somma ta' tlett elef, tmien mija u sitt Euro u centezmu (€3,806.01) rappresentanti nuqqas ta' hlas ta' notice money ghal ghaxar gimghat fuq paga ta' €309.51 u dan skond l-Artikolu 36 (5) (e) tal-Kap 452, peress li kien ilu aktar minn tmien snin jahdem mal-kumpannija, kif ukoll €710.01 bhala hlas ta' overtime mahdum izda mhux imhallas.

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata ippresentata fis 27 ta' Ottubru 2014 fejn, in linea preliminari qajjem tlett eccezzjonijiet preliminari, ossija:

- L-inkompentenza ta' dina l-Qorti *rationae materie* in kwantu qed jintalab hlas ta' notice money skond l-Artikolu 36 (5) tal-Kap 452.
- Ir-*res judicata* peress illi gia inghatat decizjoni tat-Tribunal Industrijali bejn il-kontendenti dwar it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti w il-hlas dovut lilu b'konsegwenza tat-tetminazzjoni, liema hlas gie effettwat mis-socjeta intimata u accettat bla ebda riserva
- In-nuqqas ta' interess guridiku tar-rikorrent peress illi, f'zewgt okkazzjonijiet, accetta hlasijiet li sau lilu mis-socjeta intimata ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha, liema hlasijiet hu accetta minghajr ebda riserva.

Rat illi fil-meritu, l-intimat eccepixxa illi s-socjeta intimata ma kellha thallas xejnd war overtime billi hu gi imhallas overtime kif mahdum.

Rat illi, in vista ta' l-ewwel tlett eccezzjonijiet preliminari, il-Qorti ordnat il-kapovoliment tal-provi, liema provi kellhom jingabru fuq dawn it-tlett eccezzjonijiet biss.

Rat id-dokumentazzjoni esebita mis-socjeta intimata fid 9 ta' Dicembru 2014, ossija is-sentenza tat-Tribunal Industrijali tat 2 ta' Ottubru 2013, l-Ittra datata 24 ta' Ottubru 2013 fejn dak ordnat mit-

Tribunal intbghat lir-rikorrent u Dikjarazzjoni iffirmata mir-rikorrent fit 22 ta' Ottubru 2012 fejn accetta illi ma kellu ebda pretensjonijiet kontra s-socjeta intimata dwar paga u overtime.

Semghet ix-xhieda ta' **Emanuel Pace**, prodott mis-socjeta intimata, moghtija fit 23 ta' Frar 2015.

Rat l-atti processwali kollha tal-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali, Kaz Nru 3091/CC, fl-ismijiet ' ***Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn Emanuel Pace u Y.P. Marketing (Malta) Limited*'** esebiti mis-socjeta intimata fil-25 ta' Frar 2015.

Rat l-affidavit ta' Emanuel Pace ippresentat fis 16 ta' April 2015.

Rat l-affidavit ta' **Rita Pace** ippresentat fl-4 ta' Gunju 2015 flimkien ma' dokumentazzjoni varja.

Rat illi fil 5 ta' Ottubru 2015 il-partijiet iddikkjaraw illi ma kellhom ebda provi ohra x'jippresentaw dwar l-ewwel tlett eccezzjonijiet.

Rat is-sottomissjonijiet tas-socjeta intimata dwar l-ewwel tlett eccezzjonjiet ippresentati fit 22 ta' Dicembru 2015.

Rat is-sottomissjonijet tar-rikorrent ippresentati fid 29 ta' Marzu 2016.

Rat illi fis 16 ta' Mejju 2016 il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel tlett eccezzjonijiet imqajjma mis-socjeta intimata.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi r-rikorrent kien impjegat mas-socjeta intimata Y & P Marketing Limited.

Jirrizulta illi wara diverbju illi inqala bejn ir-rikorrent u id-direttur tas-socjeta intimata, is-socjeta intimata ghaddiet biex terminat l-impjieg tar-rikorrenti fit 22 ta' Ottubru 2012.

Jirrizulta illi dakinhar tat-terminazzjoni, ir-rikorrent inghata cekk ta' €1,606.60 kif ukoll iffirma dokument illi kien jghid is-segwenti: (fol 24)

> *" I, Mr Emanuel Pace, bearer of Identity Card Number 19956 (M) hereby declare that last pay of €1,247.94 by cheque HSBC 3593/9134 covers wage up to 20.10.2012 including all bonuses and another extra bonus of €358.66 vacation leave and overtime. I also declare that I have no further amounts to claim from Y&P Marketing Limited"*

Jirrizulta illi tali pagament gie imsarraf mir-rikorrent.

Jirrizulta illi sussegwentement, fis 7 ta' Dicembru 2012, ir-rikorrent intavola proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali "*minhabba tkeccija ingusta u qed jitlob lit-Tribunal illi l-kaz tieghu jigi investigat skont il-Ligi.*"

Jirrizulta illi eventwalment, fit 2 ta' Ottubru 2013, it-Tribunal Industrijali iddecieda l-kaz bili qata u ddeciedia illi "*t-terminazzjoni tal-impjieg tal-Appellant ma kienetx wahda gusta. F'din ic-cirkostanza t-Tribunal jiffissa l-kumpens dovut lill-Appellant fis-somma ta' €1,500.*" (fol 21)

Jirrizulta illi fl-24 ta' Ottubru 2013 is-socjeta intimata baghtet cheque lir-rikorrent ta' €1,500, liema cheque issarraf mir-rikorrent. (fol 23)

Jirrizulta illi, nelfrattemp, fit 18 ta' Ottubru 2013, ir-rikorrent baghat ittra ufficjali lis-socjeta intimat ghal hlas ta' notice money skond l-Artikolu 36 (5) (e) tal-Kap 452.

Jirrizulta illi eventwalment, fis 6 ta' Ottubru 2014, ir-rikorrent nieda l-proceduri odjerni.

**Ikkunsidrat**

L-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata huma tlieta, u ghalhekk jimmerita illi dawna t-tlett eccezzjonjiet jigu kkunsidrati separatament.

L-ewwel eccezzjoni hija dik li tirrigwarda l-eccezzjoni ta' kompetenza ta' dina l-Qorti abbazi ta' rationae materiae stante illi kien qieghed jintalab *notice money*.

Dina l-Qorti taghmel referenza ghal-sentenza taghha stess fuq meritu simili, fl-ismijiet 'Tonio Zammit vs Polidano Brothers Limited, deciza fis 6 ta' Ottubru 2014, fejn dina l-Qorti, kif ppresejeduta, kienet ghamlet is-segwenti osservazzjonjiet:

> *Ghadu jigi mal-ewwel rilevat illi, kif gia sahqet dina l-Qorti u kkonferma ir-rikorrenti anke fl-affidavit tieghu, il-fatt dwar jekk it-tkeccija tieghu kienetx ingusta jew le ma hijiex kwistjoni illi ser tigi kkunsidrata minn dina l-Qorti - kienet kwistjoni illi kellha tigi dibattuta esklussivament fit-Tribunal Industrijali u imkien aktar.*
>
> *Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi ma jista jkun qatt fl-ispirtu tal-Ligi, kemm dik miktuba kif ukoll dik naturali, illi l-Qrati icahdu lir-rikorrent id-dritt li jitlob li jithallas dak dovut lilu bhala paga ghas-servizz minnu res. Il-Qorti qieghda hemm sabiex tassikura illi ssir il-gustizzja ma' min jitlobha u certament ma hijiex ser taccetta eccezzjoni bhal din sabiex iccahhad lir-rikorrent minn dak illi huwa lilu dovut. Madanakollu, ghandu jigi rilevat illi l-kostazzjonijet illi ghandha taghmel il-Qorti ghandhom ikunu limitati ghal dik illi hija paga dovuta fil-mument tat-terminazzjoni, u mhux hlasijiet dovuti lir-rikorrent naxxenti mid-dettam tal-ligi tal-Kap 452, li allura jaqa fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali.*
>
> *Dana qieghed jinghad peress illi, fost affarjiet ohra, ir-rikorrent qieghed jitlob ghal hlas ta' 'notice money', liema dritt seta gie stabbilit biss mit-Tribunal Industrijali, wara illi tqies jekk it-tkeccija tar-rikorrent kienetx wahda ingusta jew le. Ma hijiex kompetenza tal-Qorti tevalwa jekk tali tkeccija kienetx wahda ingusta jew le.*

Issa, jidher car fil-kaz odjern illi, a differenza tal-meritu tal-kawza fuq indikata, fil-kaz odjern it-tkeccija tar-rikorrenti giet dikjarata bhala wahda ingusta. Apparti minn hekk, is-socjeta intimata giet kundannata thallas penali tali kecciet lir-rikorrenti mix-xoghol ingustament, skond it-Tribunal Industrijali.

Jidher, madanakollu, illi t-Tribunal Indistrijali, fid-decizjoni taghha, naqqset milli tiehu konjizzjoni ta' talbiet ghal 'Notice Money' dovut lir-rikorrent, ghar-raguni semplici illi r-rikorrent naqas milli jitlobhom lit-Tribunal Industrijali.

Jidher, finalment, illi t-talba odjerna hija rizultat tal-fatt illi r-rikorrent naqas milli jitlob tali hlasijiet lit-Tribunal, kif kellu dritt illi jaghmel, fatt illi issa ma jistax jigi sanat billi jressaq l-istess talba quddiem dina l-Qorti, peress illi tali danni jaqghu taht il-poter esklussiv tat-Tribunal Industrijali, u dana kif jidher fl-Artikolu 81 (2) (a) tal-Kap 452 illi jipprovdi li gej:

*(a) f'każi ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta, jekk ma jkunx hemm talba speċifika biex jerġa' jidħol fl- impieg jew jerġa' jiġi impjegat, jew it-Tribunal jiddeċiedi li ma għandux jagħmel ordni biex jerġa' jidħol fl-impieg jew jerġa' jiġi impjegat kif inqal qabel, it-Tribunal għandu jagħti sentenza ta' kumpens, li għandha titħallas mill-prinċipal lil min jagħmel l- ilment, rigward it-tkeċċija:*

*Iżda, meta jistabbilixxi l-ammont ta' dak il- kumpens it-Tribunal għandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-ħaddiem li jkun ġie imkeċċi mingħajr kawża ġusta kif ukoll ċirkostanzi oħra, inklużi l-età u s-snajja tal-ħaddiem li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal tal-impieg ta' dak il-ħaddiem;*

Ghalhekk, l-ewwel eccezzjoni timmerita illi tigi akkolta.

Dwar it-tieni u tielet eccezzjoni, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi r-rikorrent thallas €1,606.60 ghas-saldu tal-pretensjonjiet tieghu kollha kontra s-socjeta intimata, u tali cekk gie minnu msarraf kif ukoll thallas €1,500 bhala danni stabbiliti mit-Tribunal Industrijali, liema cekk gie imsarraf ukoll.

Ghalhekk, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi r-rikorrent thallas dak lilu dovut u ottjena danni stabbiliti mit-Tribunal rizultat tat-tkeccija tieghu li giet dikjarata ingusta, u ghalhekk l-eccezzjonijiet mressqa mis-socjeta intimata jimmeritaw li jigu akkolti.

**Konkluzjoni**

Wara illi rat il-provi kollha prodotti fuq l-ewwel tlett eccezzjonijet tas-socjeta intimata,

Wara illi rat it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa** l-ewwel tlett eccezzjonijiet tas-socjeta intimata,

**Tastjeni** milli tiehu konjizzjoni tar-raba eccezzjoni tas-socjeta intimata, u ghalhekk,

**Tichad** it-talbiet attrici.

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a kariku tar-rikorrent.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur